MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1008/2008

**Andrew Scicluna.**

**-vs-**

**Fekry Emara.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-6 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi permezz ta' skrittura privata tad-19 ta' Diċembru, 2007 (Dok. A) l-istanti kkonċeda b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenut, l-appartament *furnished* internament jismu "Ben Flat 1" li jinsab fl-ewwel sular tal-blokk numru 16, li jismu "Pasqua Flats" konsistenti tali blokk f'erba' appartamenti u garaxx sottopost fi Triq Giovanni Bonavia, f'Ħal-Luqa;

2. Illi tali lokazzjoni saret għal perjodu ta' tlettax-il xahar dekorribbli mill-1 ta' Jannar, 2008 versu l-kera ta' tmien mitt Euro (€800) fix-xahar li għall-ewwel tnax-il xahar tal-lokazzjoni ġiet ridotta għal mija u tmenin Euro (€180), liema kera kellha titħallas kull xahar bil-quddiem;

3. Illi l-konvenut baqa' moruż fil-ħlas tal-kera għal tmien skadenzi, u għalhekk fl-ammont ta' elf, erba' mija u erbgħin Euro (€1,440) *oltre* għall-ispejjeż tad-dawl u l-ilma li jammontaw għal mija u tnejn u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€192.57), Dok. B. Tali debitu jammonta għal elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,632.57);

4. Illi dan id-debitu hu ċert, likwidu u dovut u peress li l-konvenut baqa' moruż fil-ħlas tal-kera huwa naqas milli jesegwixxi l-obbligu lokatizju tiegħu;

5. Illi minkejja li ġie nterpellat kemm bil-fomm u anke bil-miktub (Dok. C) sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, il-konvenut baqa' inadempjenti;

6. Illi għalhekk l-esponenti kellu jipproċedi b'din il-kawża u sa fejn jaf l-esponenti l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti f'din il-kawża.

Illi r-raġuni tat-talba hi li filwaqt li l-konvenut baqa' moruż fil-ħlas tal-kera u fil-ħlas ta' l-ispejjeż tas-servizzi fl-ammont sopra-indikat ta' elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,632.57), il-konvenut tilef il-jeddijiet lokatizji tiegħu u għalhekk l-istanti qiegħed jitlob l-iżgumbrament tal-konvenut li għandu wkoll jiġi kundannat iħallas is-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,632.57) liema debitu hu ċert, likwidu u dovut u peress li jirrikorru l-elementi meħtieġa *ai termini* ta' l-Artiklu 167 *et seq* tal-Kapitlu 12, l-istanti jitlob li din il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:

1. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' l-Artiklu 167 *et seq* tal-Kapitlu 12;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-fond *ossia* appartament internament jismu "Ben Flat 1" li jinsab fl-ewwel sular tal-blokk numru 16 li jismu "Pasqua Flats" fi Triq Giovanni Bonavia, f'Ħal-Luqa u dan *entro* terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tletin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,632.57) *in linea* ta' kera tal-fond *de quo* u spejjeż relatati.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja tat-28 ta' Lulju, 2008 (Dok. C), kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum li minnu jirriżulta li l-intimat ammetta t-talba.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż jitħallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------